

EBA/GL/2014/09

22 ta' Settembru 2014

Linji gwida dwar it-tipi ta' testijet, rieżamijet jew eżerċizzji li jistgħu jwasslu għal miżuri ta' appoġġ skont l-Artikolu 32(4)(d)(iii) tad-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek

Linji gwida tal-EBA dwar it-tipi ta' testijiet, rieżamijiet jew eżerċizzji li jistgħu jwasslu għal miżuri ta' appoġġ skont l-Artikolu 32(4)(d)(iii) tad-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek

Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument fih linji gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE kif sussegwentement emendat mir-Regolament (UE) Nru 1022/2013 (ir-'Regolament tal-EBA'). B'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-EBA, l-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u l-istituzzjonijiet finanzjarji jridu jagħmlu kull sforz biex ikunu konformi ma' dawn il-linji gwida.
2. Il-linji gwida jstabbilixxu l-fehma tal-EBA dwar il-prattiki superviżorji xierqa fi ħdan is-Sistema Ewropea tas-Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif għandha tiġi applikata l-liġi tal-Unjoni f'qasam partikolari. Għalhekk, l-EBA tistenna li l-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u l-istituzzjonijiet finanzjarji kollha li lilhom huma indirizzati l-linji gwida jikkonformaw mal-linji gwida. L-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn l-linji gwida jkunu primarjament indirizzati lejn l-istituzzjonijiet.

Rekwiżiti ta' rapportar

3. B'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-EBA, l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella jridu jipprovdu raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sal-01.12.2014. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-EBA ser tqis li l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni mhumiex konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola pprovduta fis-Sezzjoni 5 lil compliance@eba.europa.eu bir-referenza 'EBA/GL/2014/09'. In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa sabiex jirrapportaw konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tagħhom.
4. In-notifiki se jiġu ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-EBA, b'konformità mal-Artikolu 16(3).

Werrej

| | |
|---|---|
| Titolu I – Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet | 7 |
| Titolu II – Tipi ta' testijiet, rieżamijiet u eżerċizzji | 8 |
| Titolu III – Dispożizzjonijiet finali u implimentazzjoni | 9 |

Titolu I - Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

Suġġett

5. B'konformità mal-Artikolu 32(4) tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment¹ (id-'Direttiva 2014/59/UE'), dawn il-Linji Gwida jispeċifikaw it-tipi ta' testijiet, rieżamijiet jew eżerċizzji li jistgħu jwasslu għal nuqqasijiet fil-kapital li jistgħu jkunu eliġibbli għal kopertura minn rikapitalizzazzjoni pubblika li ma tqanqalx ir-riżoluzzjoni msemmija, bħala eċċezzjoni, fl-Artikolu 32(4), ittra (d), (iii) tad-Direttiva 2014/59/UE — diment li jġu ssodisfati l-kundizzjonijiet l-oħra kollha speċifikati f'dak l-Artikolu.

Definizzjonijiet

6. Għall-finijiet ta' dawn il-Linji Gwida, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- a) 'testijiet' tfisser testijiet tal-istress li huma għodod, ikkoordinati fil-livell nazzjonali, tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku ('MSU') jew tal-Unjoni, imfasslin sabiex jivvalutaw ir-reżiljenza ta' grupp ta' istituzzjonijiet kontra żviluppi avversi ipotetiċi tas-suq.
- b) 'rieżamijiet' tfisser rieżamijiet tal-kwalità tal-assi li jikkonsistu f'valutazzjonijiet, ikkoordinati fil-livell nazzjonali, tal-MSU jew tal-Unjoni, tal-kwalità tal-qafas kontabilistiku jew prudenzjali applikat minn grupp ta' istituzzjonijiet, inkluża valutazzjoni tal-qafas tal-ġestjoni tar-riskju, klassifikazzjoni tas-self, valutazzjoni tal-kollateral u ġestjoni tal-arretrati u l-oriġinazzjoni tas-self.
- c) 'eżerċizzji' tfisser testijiet jew rieżamijiet ikkoordinati fil-livell tal-Unjoni u magħmulin fuq popolazzjoni ta' istituzzjonijiet fuq diversi ġurisdizzjonijiet. Il-valutazzjoni mwettqa f'dawn l-eżerċizzji hija bbażata fuq il-konsistenza, it-trasparenza u l-paragunabbiltà tal-eżiti tul l-istituzzjonijiet.

¹ Fil-ĠU tal-UE L 173 tat-12 ta' Ġunju 2014, p. 190.

- d) 'awtoritajiet kompetenti' identifikati bħala awtoritajiet kompetenti fl-Artikolu 4(2)(i) u 4(2)(iv) tar-Regolament tal-EBA.

Kamp ta' applikazzjoni u l-livell tal-applikazzjoni

7. Dawn il-Linji Gwida huma indirizzati lejn l-awtoritajiet kompetenti sabiex jistabbilixxu prattiki superviżorji konsistenti, effiċjenti u effettivi fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja, u sabiex jiżguraw l-applikazzjoni komuni, uniformi u konsistenti tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 32(4), ittra (d) tad-Direttiva 2014/59/UE.
8. Dawn il-Linji Gwida ma jaffettwawx u lanqas jippreġudikaw b'xi mod l-obbligu tal-awtoritajiet kompetenti li jivverifikaw fuq bażi kontinwa jekk istituzzjoni titqiesx li qed tfalli jew aktarx li tfalli skont il-paragrafi li jifdal tal-Artikolu 32(4) tad-Direttiva 2014/59/UE.

Titolu II – Tipi ta' testijiet jew rieżamijiet

Il-karatteristiċi ewlenin ta' test jew rieżami

9. Il-karatteristiċi ewlenin ta' test jew rieżami għandhom ikunu **skeda ta' żmien, kamp ta' applikazzjoni, perjodu ta' żmien u data ta' referenza, proċess ta' rieżami tal-kwalità, metodoloġija komuni u, fejn rilevanti, xenarju makroekonomiku u 'hurdle rates', kif ukoll limitu ta' żmien sabiex jiġi indirizzat in-nuqqas.**
10. It-testijiet jew ir-rieżamijiet għandu jkollhom **skeda ta' żmien** preċiża, inkluża data ta' tnedija u skadenza għall-istituzzjonijiet soġġetti għat-test jew ir-rieżami sabiex jipprovdu r-riżultati tagħhom lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti. Għandhom jinkludu wkoll skadenza għall-komunikazzjoni (pubblikazzjoni) tar-riżultati tat-test jew ir-rieżami mill-awtorità kompetenti rilevanti jew il-koordinatur tal-eżerċizzju. Għall-eżerċizzji, il-koordinatur għandu jkun identifikat biċ-ċar u l-proċessi ta' koordinazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet involuti għandhom ikunu ddefiniti biċ-ċar u mifhumin qabel ma jsiru t-testijiet jew ir-rieżamijiet.
11. It-testijiet jew ir-rieżamijiet għandu jkollhom **kamp ta' applikazzjoni** predefinit. Il-kampjun tal-istituzzjonijiet soġġetti għat-test jew ir-rieżami għandu jkun iddefinit biċ-ċar. Għandu jkopri kampjun materjali tal-istituzzjonijiet f'termini ta' riskji u assi. Għandha tiġi pprovduta wkoll spjegazzjoni tar-raġunijiet makroekonomiċi u/jew prudenzjali li jistabbilixxu l-kampjun. Din l-ispeġgazzjoni tista' tkun ibbażata fuq ċifri kwalitattivi assoluti jew relattivi u ssostni l-materjalità tal-kampjun iddefinit.
12. It-testijiet jew ir-rieżamijiet għandu jkollhom **perjodu ta' żmien u/jew data ta' referenza**. It-testijiet jew ir-rieżamijiet għandhom isiru fuq il-bażi ta' dikjarazzjonijiet finanzjarji u ċifri superviżorji b'referenza għal data predefinita. L-iskop tal-perjodu ta' żmien huwa li jiġi stabbilit it-tul ta' żmien li matulu ser jiġu applikati x-xenarji, jiġifieri fuq numru speċifikat ta' snin. Il-

perjodu ta' żmien u d-data ta' referenza għat-test jew ir-rieżami għandhom jiġu identifikati biċ-ċar fil-metodoloġija komuni tat-test jew tar-rieżami u għandhom jinfluwenzaw il-limitu ta' żmien meħtieġ biex jiġu implimentati l-miżuri. Il-perjodu ta' żmien u l-limitu ta' żmien meħtieġa sabiex jiġu implimentati l-miżuri jistgħu jiddependu mill-karatteristiċi tar-riskju tal-iskoperturi analizzati u fuq jekk humiex ser isiru testijiet (perspettiva dinamika u fit-tul) jew rieżamijiet (approċċ ta' żmien partikolari u fuq perjodu qasir).

13. It-testijiet jew ir-rieżamijiet għandu jkollhom skadenza sa meta l-awtoritajiet kompetenti jridu jwettqu l-**proċess ta' rieżami tal-kwalità** u l-valutazzjoni tagħhom u sabiex jipprovdu r-risultati tal-istituzzjonijiet ikkonċernati lill-koordinatur f'eżerċizzju. Iċ-ċifri, l-approċċi u l-projezzjonijiet tal-banek għandhom ikunu soġġetti għal verifiki ddettaljati tal-plawżibbiltà fl-analiżi tal-garanzija tal-kwalità, inkluż paragon kontra punti ta' riferiment rilevanti. Dan jista' jwassal għal talbiet għal rieżamijiet fiċ-ċifri u l-projezzjonijiet tal-banek fil-kuntest tal-proċess ta' garanzija tal-kwalità.

14. It-testijiet jew ir-rieżamijiet għandhom ikunu sostnuti minn **metodoloġija komuni** ddettaljata. It-**testijiet** għandhom ikunu sostnuti wkoll minn **xenarju makroekonomiku** wieħed jew iktar. Il-metodoloġija, li mhux bilfors tkun approċċ li jstabbilixxi min għadda/weħel minn test, għandha tinkludi wkoll firxa ta' 'hurdle rates' jew indikaturi li jirrappreżentaw ir-referenzi kwantitattivi użati biex jgħinu fil-valutazzjoni tal-funzjoni ta' reazzjoni superviżorja xierqa, inklużi ħtiġijiet ta' kapital addizzjonali. Meta jiġu konklużi t-testijiet jew ir-rieżamijiet, l-istituzzjonijiet għandhom jiġu ppożizzjonati skont il-'hurdle(s) rate(s)' iddefiniti fil-metodoloġija tat-test jew ir-rieżami. Din il-valutazzjoni tista' tidentifika l-ħtieġa li l-istituzzjonijiet ipattu għal nuqqas fil-kapital skont 'hurdle rates' differenti. Meta jiġi identifikat nuqqas fil-kapital, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jitolbu lill-istituzzjonijiet sabiex jindirizzaw dan in-nuqqas b'mezzi privati. L-istituzzjonijiet għandhom jindirizzaw dan in-nuqqas permezz ta' żidiet fil-kapital privat jew miżuri oħrajn li jridu jittieħdu mill-istituzzjoni fi ħdan **limitu ta' żmien speċifiku**, li għandu jiġi ddefinit fl-eżerċizzju jew skont il-kriterji indikati fl-eżerċizzju.

Titolu III – Dispożizzjonijiet finali u implimentazzjoni

Dawn il-Linji Gwida għandhom jiġu implimentati fi Prattiki Superviżorji Nazzjonali mill-awtoritajiet kompetenti sal-1 ta' Jannar 2015.